MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 719/2004

**Henry Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Mosta Technopark Tenants' Association**

**Vs**

**Di Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm 1489.25 (elf erba` mija disgha u tmenin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti service charge fuq area F11 f'The Mosta Technopark ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Marzu 2004.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, erba` mija u disgha u tmenin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1489.25) rapprezentanti service charge fuq area F11 f'The Mosta Technopark ghall-perjodu minn l-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Marzu 2004 liema service charge tithallas bil-quddiem.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 607/04 u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Is-socjeta` konvenuta qeghdha tikkontesta t-talbiet tal-attur noe billi tecepixxi;

1. Illi s-socjeta` konvenuta diga hallset dak kollu li kien dovut minnha lil attur noe bhala 'service charges' fuq area F11 fil-'Mosta Technopark' ghal perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Marzu 2004;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe talba ghal somma akbar minn dak li gie mhallas mis-socjeta` konvenuta lil attur noe hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi s-socjeta` konvenuta hallset l-ispejjez relatati ghal mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 607/04 li gie revokat permess ta' kontro mandat mahrug skond il-ligi;

Ghaldaqstant t-talbiet attrici ta' l-attur noe ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirrizulta li Mosta Technopark Tenants Association tiggestixxi l-ambjent tat-Technopark. Min jokkupa fabbrika jkun membru ta' din l-assocjazzjoni u jhallas membership fee. Fil-waqt li s-socjeta` konvenuta tallega li l-

assocjazzjoni ma setghetx titlob awment jekk mhux ai termini tal-istess statut, l-assocjazzjoni attrici tallega li dan mhux il-kaz.

Jigi rilevat li dak li titlob l-istess assocjazzjoni attrici huwa service charge gia inkluz, fil-koncessjoni originali. L-MTTA bhala successur tal-Malta Development Corporation, kellha kull dritt li titlob il-pagament.

Is-socjeta konvenuta, ghalkemm debitament notifikata bil-laqgha straordinarja ma attenditx ghar-ragunijiet taghha. Inoltre, il-awment fil-pagament ma kienx awtomatiku izda soggett ghal certi kondizzjonijiet. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta hadet xi passi kontra l-assocjazzjoni attrici. Ma kienx il-lok propizju biex per via eccezzjonali ma tkunx tenut thallas dak minnha kontrattwalment dovut.

It-Tribunal ra n-nota ta' riduzzjoni ghas-somma ta' elf, tlieta u sittin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1063.75).

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannha thallas is-somma ta' elf, tlieta u sittin lira u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm1063.75) bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------